## FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**Gudikatur: Dr. Philip M. Magri LL.D; M.A. (Fin.Serv); M.Phil (Melit)**

**Seduta ta' nhar il-Erbgha, 12 ta' Mejju, 2021**

**Talba Nru: 72/2021 PM1**

**Go p.l.c.**
**(C 22334)**

**Vs**

**Julian Cucciardi**
**(139293(M))**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fil-hamsa u ghoxrin (25) ta' Frar, 2021 illi l-konvenut ghandu jaghti lis-socjeta` attrici s-somma ta' elfejn u hamsa u sittin euro u hamsa u ghoxrin centezmi (€2065.25) in konessjoni ma' servizzi migbura fil-kont bin-numru 40661694 liema somma l-konvenut baqa' ma hallasx minkejja li gie debitament

interpellatat, bl-ispejjez u drittijiet, inkluzi dawk in konnessjoni mal-ittra ufficjali bir-referenza 2908/17 u bl-imghaxijiet sa mill-25 t'Ottubru, 2017 data tan-notifika.

Illi l-konvenut gie debitament ingunt in subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mill-Ligi u lanqas ma deher ghas-seduta tal-lum.

Ra d-dokumenti annessi mal-avviz tat-talba, inkluzi l-istatement, is-Service Order Forms, il-kopja tal-ittra ufficjali surreferita u t-taxxa tal-ispejjez u drittijiet relattiva.

Sema' x-xhieda tar-rapprezentant tas-socjeta` attrici moghtija fis-seduta tat-3 ta' Mejju, 2021 li permezz taghha ikkonfermat bil-gurament tieghu illi s-somma mitluba ghadha kollha dovuta mill-intimat lis-socjeta` attrici a bazi ta' dak indikat fl-istess talba odjerna.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

**Ikkunsidra**

Illi ghalkemm debitament notifikat l-intimat naqas milli jattendi ghas-seduti tat-12 t'April, 2021 u tat-3 ta' Mejju, 2021 u lanqas ma prezenta ebda risposta ghat-talba kif dedotta mis-socjeta' attrici.

Illi l-ammont mitlub jirrizulta ampjament mid-dokumenti ezebiti a sostenn tal-istess talba mal-avviz odjern oltre li jirrizulta wkoll dovut, flimkien mal-ispejjez u l-imghaxijiet relattivi, mill-intimat lis-socjeta` attrici skont ix-xhieda moghtija mir-rapprezentant tas-socjeta` attrici fis-seduta tal-lum.

Jirrizulta wkoll li debitament notifikat bl-ittra ufficjali surreferita fil-25 t'Ottubru, 2017 l-intimat baqa' inadempjenti.

Ghaldaqstant it-Tribunal jilqa' t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici s-somma mitluba ta' elfejn u hamsa u sittin euro u hamsa u ghoxrin centezmi (€2065.25) in konnessjoni ma' servizzi migbura fil-kont bin-numru 40661694, bl-ispejjez u drittijiet, inkluzi dawk in konnessjoni mal-ittra ufficjali bir-referenza 2908/17 u bl-imghaxijiet sa mill-25 t'Ottubru, 2017 kontra l-istess konvenut.

**Avukat Dr. Philip M. Magri LL.D. M.A. (Fin. Serv.) M.Phil.**

**Gudikatur**